1 ta' Marzu, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

David Ebejer *versus* John Aquilina

**Kuntratt — Korrispondenza — Konswetudini Kummerċjali — Silenzju tal-Partijiet — Kera jew Kumpens — Likwidazzjoni.**

*Fil-konswetudini kummerċjali hemm l-obligu tar-risposta espliċita; jiġifieri illi, jekk wieħed jirċievi missiva akkompanjata minn dikjarazzjoni, anki impliċita, ta' konklużjoni ta' kuntratt, u ma jirrispondix għal dik il-missiva, is-silenzju tiegħu jammonta għal aċċettazzjoni tal-kuntratt implikat f'dik il-missiva.*

*Fil-likwidazzjoni tal-kera jew kumpens dovut għall-użu tal-ħaġa, il-valur ta' dik il-ħaġa ma għandux importanza deċiżiva. Għalkemm dak il-valur għandu jittieħed f'konsiderazzjoni flimkien ma' ċirkustanzi oħra, hija ħaġa ta' kuljum li mill-kiri ta' ċerti oġġetti, matul il-perijodu prolungat tal-kiri tagħhom, tinġabar somma akbar mill-kost oriġinali ta' l-oġġett li jkun.*

*Kriterju ieħor li għandu jiġi meqjus fil-likwidazzjoni ta' dak il-kera jew kumpens huwa l-fatt li normalment, meta l-kiri jkun prolungat, ir-rata tal-kera titraħħas, in vista tat-tornakont ta' sid il-ħaġa li din tkun impiegata għal żmien twil, bla ma jintilef il-*

*qiegħ tal-ġranet li fihom l-oġġett ma jkunx mikri bejn kirja u oħra.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £167, jew kwalunkwe somma oħra, akbar jew iżgħar, li tiġi likwidata mill-Qorti, għall-kera ta' erba' karrijiet "fekruni" (għodda) għaż-żmien li għadda mill-11 ta' Diċembru 1944 sas-6 ta' Lulju 1949; bl-imgħaxijiet legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Ottubru 1945, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ankorkè seta' jkun hemm talvolta xi dubju jekk ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet għall-ewwel kienux ta' komodat, bil-konsegwenza tal-gratuwità ta' l-użu, dan id-dubju però ma jistax ikun hemm aktar loku wara l-ittra ta' l-attur, li kopja tagħha hi eżibita fol. 10, u li fiha l-attur qal espressament lill-konvenut: "Please note that rent for the four turtles consigned to you on the 11th. December 1944 is accruing". Minn dik id-data kumpens għall-użu hu dovut, għar-raġuni li l-fatt li l-konvenut ma rrisponda xejn għal dik l-ittra u baqa' jżomm il-karrijiet, għandu jiġi nterpretat, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, bħala aċċettazzjoni ta' użu bi ħlas imsemmi f'dik l-ittra. Dan kien każ li fih tirċievi applikazzjoni l-massima "qui tacet quum loqui potuit et debuit consentire videtur"; għaliex ladarba l-konvenut kien qiegħed jippretendi l-użu gratuwitu, allura kien obligu tiegħu li jirrispondi għall-ittra, u xejn ma kien iżommu milli jirrispondi; u anki għaliex fil-konswetudini kummerċjali hemm l-obligu tar-risposta espliċita;

Wieħed mill-każijiet li fihom, skond il-famuża teorika tal-ġurista Bartolo in L. 2 D. "ratam rem haberi etc." (XLVI, 8), ir-"receptio litterarum cum taciturnitate" tiġi nterpretata bħala aċċettazzjoni, hu appuntu dak ta' missiva akkompanjata mid-dikjarazzjoni, anki impliċita, ta' konklużjoni ta' kuntratt. L-effikaċja tas-silenzju tal-konvenut di fronti għal dik l-ittra tikber meta wieħed iqis li anki għall-ittri ta' wara, fosthom dik uffiċjali fol. 13, il-konvenut baqa' kontumaċi, iżda dejjem żamm il-karrijiet. Dik l-effikaċja tikber ukoll meta wieħed iqis

li dik l-ittra u l-oħrajn susseġwenti ppervenew lill-konvenut mhux meta ma kienx hemm xejn bejnu u bejn l-attur (bħal meta, per eżempju, issir, b'ittra, proposta għal kollox "ab ovo"), imma fi żmien meta bejniethom kien hemm ir-rapport kontinwativ, li kien qed jiżvolġi ruħu progressivament, tal-permanenza *ta' dawn il-karrijiet ta' l-attur f'idejn il-konvenut;*

Ikkunsidrat;

Illi, apparti dan, jekk il-gratuwità tista' forsi tiġi aċċettata f'każ ta' self ta' għodda għal żmien qasir, ma tistax però tiġi ammessa meta l-oġġetti jinżammu għal kors ta' snin, u non ostanti r-rikjesti ripetuti tal-parti l-oħra, molto più li l-gratuwità fil-kummerċ ma hijiex preżunta in bażi għall-massima "finis mercatorum est lucrum";

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk il-Qorti tirritjeni li hemm lok għall-kumpens, jew kera, mid-data probabili tar-riċezzjoni ta' l-ittra............; dan il-perijodu jammonta għal 1492 ġurnata;

Illi kwantu għall-entità *tal-kumpens jew* kera, *din ma tis*tax, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ħlief tkun materja ta' diskrezzjoni tat-tribunal, eżerċibili "arbitrio boni viri";

Illi għalkemm il-valur ta' dawn il-karrijiet għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-qies ta' dan il-kumpens, flimkien ma' ċirkustanzi oħra, bħalma huma r-relazzjonijiet ta' ħbiberija bejn il-kollitiganti, il-grad ta' utilità *tal-karrijiet u simili, però* dan il-prezz ma għandux ikollu importanza deċiżiva, għaliex hu ħaġa ta' kuljum li mill-kiri ta' ċerti oġġetti (bħal ma huma pjanijiet, biljardi, cars, etc.) tingħabar, ma' tul perijodu prolungat ta' kiri, somma ferm akbar mill-kost oriġnali tagħhom;

Illi kriterju ieħor li għandu jiġi meqjus hu l-fatt li normalment, meta l-kiri jkun *prolungat, ir-rata titraħħas, in vista* tattornakont ta' sid il-ħaġa, li din tkun impjegata għal żmien twil bla ma jintilef il-qliegħ tal-granet li ma tkunx impjegata fl-intervall bejn kirja u oħra;

Illi l-Qorti hi ta' fehma illi "per aequum et bonum", u wara li jittieħed qies taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, is-somma ta' 8d. *kuljum hi kumpens* adegwat. *Jingħad "kumpens"*, għaliex avvolja fiċ-ċitazzjoni jissemma "kera", però hu paċifiku li l-istanza tista' tiġi provvduta "per equipollens". L-ammont globali hekk kalkulat jilħaq £49. 14. 8;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £49. 14. 8 kif fuq likwidata, bl-imgħax kummerċjali millum, u bl-ispejjeż tal-kawża.